# Taqsima tal-Finanzjament fil-MEUSAC biex tgħin lill-Kunsilli Lokali u l-NGOs

*Annette VELLA*
*29 t' Ottubru, 2008  17:08 CET*




It-Taqsima tal-Finanzjament li se titwaqqaf fi ħdan il-Malta-EU Steering Action Committee (MEUSAC) se tgħin lill-Kunsilli Lokali u l-NGOs biex jidentifikaw opportunitajiet ta' finanzjament. Barra minhekk, se tgħinhom ukoll fil-proċeduri li jwassluhom għal sottomissjonijiet ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna. Il-Kap tal-MEUSAC Vanni Xuereb qal dan waqt seminar bit-tema "Ewropa għaċ-Ċittadini". Dan hu programm tal-Unjoni Ewropea għall-ħames snin sal-2013. Il-programm għandu l-iskop li jressaq l-Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadin.

Is-seminar kien indirizzat mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni Chris Said, li qal li hu importanti ħafna li Malta tieħu sehem fil-programmi u inizjattivi tal-UE. Dan minħabba li l-parteċipazzjoni tagħti opportunita' li jkunu implimentati proġetti li jwieġbu għall-bżonnijiet lokali, filwaqt li jippermettu lill-imsieħba ewlenin jgħinu biex jintlaħqu l-miri komuni tal-UE.

Chris Said qal li l-mekkaniżmu ewlieni li jgħin lill-Kunsilli Lokali hu l-ġemellaġġi għax dawn jgħinu fl-iżvilupp taċ-Ċittadinanza Ewropea Attiva u biex ikun hemm sens ta' identita' komuni.